MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 34/2004

Il-Pulizija
(Spettur Sandro Zarb)
Vs
Anthony Bartolo

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Jannar, 2001 u nhar l-4 ta' Jannar, 2001, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Floriana, halef fil-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal li kellu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2004,  li biha, wara li rat l-artikolu 108(1)(a) tal-Kap. 9,  sabet lill-imputat hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal prigunerija ta' sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Frar, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w kwindi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi; u f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena jew sanzjoni aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti,

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat illi l-aggravji principali tal-appellant huma s-segwenti w cioe’ :- 1. illi mill-kumpless tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma setax jinghid li “ab initio” u/jew prima facie kien jikkonfigura r-reat addebitat lill-appellant . F’dan il-kaz li jaqa’ taht l-artikolu 108 tal-Kap.9, mhux bizzejjed li jinghid li l-appellant mhux kredibbli u li x-xhieda tal-barranin ghandha aktar mis-sewwa . Din l-insufficjenza fil-provi tal-prosekuzzjoni setghet twassal biss sal-grad illi huwa aktar probabbli dak li qed jghidu l-barranin ; 2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess , f’ kaz li kellu jirrizulta gurament falz , dan seta’ biss jinkwadra ruhu taht l-artikolu 108 (1) (b) . Meta l-appellant kien gie arrestat , kien qed ikun investigat u allura bl-ebda mod ma seta’ jigi ordnat jiehu gurament . Ghalhekk f’dak il-kuntest il-gurament ma kienx mehtieg izda kien fakoltattiv u ladarba inghata l-ghazla jekk iridx jiehu l-gurament, ma jistax jinghid li l-gurament kien mehtieg. 3. Illi il-piena inflitta kienet wahda eccessiva konsidrata l-fedina penali tal-appellant u li ma kienx hemm akkuza ta’ recidiva . Ghalhekk seta’ jigi applikat l-artikolu 28A w l-appellant jinghata piena ta’ prigunerija sospiza.

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li jinsabu traskritti fil-process li

ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94]; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE*** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …….. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament .."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura fl-inkjesta magisterjali mizmuma mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman li fiha qed jigi allegat li l-appellant halef il-falz kif ukoll tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni f' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti, biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant .

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ghaddiet in rassenja b' mod mill-aktar metikoluz kemm il-provi li tressqu fl-inkjesta magisterjali in kwistjoni kif ukoll fil-kors tal-kawza w gustament ikkonkludiet li fix-xiehda moghtija bil-gurament mill-appellant waqt l-inkjesta hu gie kontradett f' cirkostanzi materjali u rilevanti minn al menu zewg xhieda u cioe' Ahmed Arouid u Tahar Ben Brik Jamal , b' mod li taht ebda cirkostanza ma jista' wiehed ragonevolment jemmen il-versjoni li ta l-appellant fir-rigward. Illi umbaghad il-verzjoni ta' dawn iz-zewg xhieda li huma kienu jinsabu fil-flat mikri lil-appellant bix-xjenza pjena w bil-kompjacenza shiha tieghu kif ukoll li kien hadhom hemm hu stess, fil-kaz ta' wiehed, bil-ghan li jsiblu x-xoghol Malta u, fil-kaz tal-iehor, biex isiefru lejn l-Italia , hija korroborata minn cirkostanzi ta' fatt ohra

indipendenti minn dawn ix-xhiediet. Dawn ic-cirkostanzi jinkludu l-prova li l-flat kien mikri lill-appellant fil-periodu in kwistjoni li la ohtu u lanqas il-habib tieghu Massimo alias Mustapha ma kienu marru hemmhekk fil-periodu li fih kienu hemm dawn iz-zewg xhieda, c-cirkostanza dwar min kien jitma' lill-ghasfur , l-identifikazzjoni tac-curkett li kien jilbes l-appellant u l-fatt li l-appellant kien ta' sikwiet jorqod fil-flat imsemmi . Inoltre, il-mod gwardinn, evaziv u kontradittorju li l-appellant xehed bih fl-inkjesta magisterjali jirrendi l-versjoni tieghu assolutament wahda mhux attendibbli w ghalhekk lanqas hu l-kaz li din tohloq dak l-element ta' konflitt fil-provi li jista' jwassal biex il-gudikant ikollu dak id-dubju dettat mir-raguni li allura ghandu dejjem imur favur l-imputat .

Illi kif intqal l-appellant kien gie kontradett fuq dettalji materjali u rilevantissimi li ma jistghux jigu spjegati b' xi dimentikanza jew zball genwin jew impressjoni zbaljata da parti tieghu . Mhux kwistjoni ta' dettall jew sfumatura din imma versjonijiet diametrikament opposti li kategorikament jeskludu lil xulxin . Jekk tigi emmmnuta wahda ma tistax titwemmen l-ohra. Illi din il-Qorti , bhall-Ewwel Qorti, hija moralment konvinta sal-grad tac-certezza morali li tesigi l-ligi li d-depozizzjoni li ghazel li jaghti l-appellant fid-diversi okkazzjonijiet li fihom deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti , u wara li ripetutament inghata d-debiti twissijiet mill-istess Magistrat ma tistax tigi emmnuta f' cirkostanzi materjali w rilevanti w li l-appellant meta xehed bil-mod kif xehed kien jaf li qed jixhed il-falz.

Jekk hu ghamel dan bil-ghan li jehles minn kull inkriminazzjoni li seta' jigi akkollat biha minnhabba n-natura tar-relazzjoni li hu kellu maz-zewg persuni li nstabu fil-flat mikri lilu , dan ma jiskusah bl-ebda mod ghaliex huwa dejjem seta' jirifjuta li jixhed jekk b'dak li kien ser jghid seta' jinkrimina lilu nnifsu .

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jirrikorru l-elementi kollha tar-reat imsemmi fl-artikolu 108 u cioe' :- (1) id-dikjarazzjoni falza; (2) li din tkun saret xjentement – l-element intenzjonali tar-reat in dizamina ; (3) li din tkun saret bil-

gurament – l-element materjali - u (4) li din tkun saret quddiem persuna awtorizzata bil-ligi biex tamministralha tali gurament, f' dal kaz il-Magistrat Inkwirenti.

Illi din il-Qorti hija ukoll sodisfatta li s-salvagward stipulat fl-artikolu 639 (1) tal-Kodici Kriminali li per mezz tieghu persuna akkuzata ta' spergur "inter alia" ma tistax tinsab hatja fuq ix-xiehda wahedha ta' xhud wiehed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel l-imputat sakemm din ix-xiehda ma tkunx korroborata f' xi cirkostanza li tkun tiswa' biex tistabilixxi l-htija minn provi ohra migjubin skond il-ligi, huwa pjenament milhuq f' dan il-kaz kif intqal hawn fuq ghaliex apparti li l-appellant gie kontradett minn aktar minn xhud wiehed fuq l-istess fatti, dawn huma korroborati minn fatti ohra pruvati skond il-ligi.

Ghalhekk l-Ewwel aggravju tal-appellant jidher infondat kemm ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-principji ta' dritt applikabbli ghall-kaz u konsegwentement qed jigi respint.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju li l-gurament ma kienx mehtieg bil-ligi jew ordnat b'sentenza jew b' digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta , jigi premess illi t-testimonjanza nkriminata tal-appellant inghatat fil-kors tal-inkjesta magisterjali dwar incident ta' waqa' jew qabza ta' persuna barranija minn gallarija ta' flat li wasslet biex din il-persuna tkun fil-perikolu li titlef hajjitha w li ghalhekk skond il-ligi zgur kienet tiggustifika l-ftuh ta' inkjesta magisterjali. Illi skond l-artikolu 544 (3) tal-Kodici Kriminali , f' kull procedura taht it-titolu li jirrigwarda l-"in genere" , l-accessi w r-reperti , l-Magistrat li jkun qed jikkonduci l-inkjesta jkollu l-istess setghat u privileggi ta' Magistrat li jippresjedi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja . Illi skond l-artikolu 390 (1) (2) fost is-setghet tal-Qorti Istuttorja hemm dik li l-Qorti tisma' l-provi u li kollox jitnizzel bil-miktub . Umbaghad skond l-artikolu 549 (4) tal-Kap.9 , ix-xhieda li tinstema' waqt l-inkjesta ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xiehda tax-xhieda li jinstemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w ghandha l-istess effett .

L-istess Kodici Kriminali Fit-Taqsima III , Titolu I , Sub-titolu I li jittratta fuq ix-xhieda umbaghad jiddisponi b’ mod car li kull xhieda trid tinghata bil-gurament li, fil-kaz ta’ xhud li jistqarr ir-Religjon Kattolika Rumana, ghandu jkun kif hi d-drawwa ta’ dawk li huma ta’ dik ir-religjon u, fil-kaz ta’ xhud li ma jistqarrx din ir-religjon, dan ghandu jahlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu ta’ l-akbar rabta ghall-kuxjenza tieghu . (art. 631). L-artikolu 632 umbaghad jispecifika l-formola tal-gurament.

Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti korrettement iddistingwiet bejn dawk id-depozizzjonijiet li inghataw bil-gurament debitament somministrat lill-appellant u dik id-dikjarazzjoni minnu maghmula a fol. 103 sa 108 (recte fol.109 l-ewwel linja) tal-process verbal li ma jidhirx li kienet giet preceduta bis-somministrazzjoni tal-gurament . L-Ewwel Qorti korrettement ukoll ma haditx in konsiderazzjoni din id-dikjarazzjoni mhux guramentata ghall-fini tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant .

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-gurament li nghata lill-appellant fil-kors tal-inkjesta magisterjali kien wiehed rikjest mill-ligi. Illi l-fatt li l-appellant seta’ kien qed jigi nvestigat f’ dik l-inkjesta w li allura – korrettement - inghata t-twissija mill-Magistrat Inkwirenti li ma kienx obbligat li jirrispondi ghad-domandi jekk b’ dak li jghid seta’ jinkrimina ruhu u li dak li kien ser jixhed seta’ jingieb bi prova, ma jirrendix tali xhieda immuni mir-responsabbilta’ kriminali skond l-artikolu 108 (1) (a) jekk jinstab li hu kien halef il-falz, ghaliex la darba ghazel li jixhed nonostante tali twissija , hu kien umbaghad obbligat li jiddeponi s-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa. Jirrizulta di fatti li l-appellant minnflok ma rrefugja ruhu wara d-dritt tieghu li ma jirrispondix ghad-domandi li kienu qed isirulu biex ma jinkriminax ruhu, ghazel li jixhed u, meta ghamel din l-ghazla, kien qed jassoggetta ruhu ghall-obbligi kollha ta’ kull xhud li – kif rikjest mill-ligi - jixhed is-sewwa . Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi respint . Ovvjament ghalhekk isegwi li r-reita’ taqa’ taht is-subartikolu (1)(a), kif irriskontrat l-ewwel Qorti w mhux taht is-subinciz (1) (b), kif issottometta *“in subsidium*” l-appellant.

Illi fir-rigward tat-tielet u l-ahhar aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta**' **Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)

Illi fil-kaz in ezami , l-piena erogata hija pjenament entro l-parametri tal-ligi li fis-subinciz (1)(a) tal-artikolu 108 tipprovdi ghall-piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sena.

Illi mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellant, jirrizulta li, apparti minn sentenzi fejn instab hati ta' xi kontravvenzjonijiet jew reati konnessi ma ksur tat-Traffic (Regulation) Ordinance u tar-reat ta' ingurji lill-ufficjali pubblici fil-habs ta' Kordin, hu instab hati ta' diversi vjolazzjonijiet tal-ligijiet fiskali .

Il-Qorti trid tqis ukoll li x-xorta ta' reat li jinstab hati tieghu l-appellant jimmina serjament l-amministrazzjoni tal-gustizzja w ghalhekk irid jigi trattati konformement u mhux b'mod legger . (Ara. Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Degiorgio**" [29.5.2003]

Konsegwentement il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena minnha erogata .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------